**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 28 (kont)**

**17 ta' Novembru 2025**

Il-laqgħa numru 28(kont) saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar it-Tnejn 17 ta' Novembru 2025 fl-09.30am.

**PREŻENTI:**

Steven Grech - Sindku
Matthew Bugeja - Kunsillier
Nazzareno Bugeja - Kunsillier
Daniel Zerafa - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**

Ħadd

**ASSENTI:**

Miriam Camilleri - Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Tiffany Abela - Deputat Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **28,3** | Kommunikazzjoni mis-Sindku |
| | Is-Sindku qal li kien qed jissuġġerixxi li kull meta jkun hemm attività fejn tinalaq it-triq f'Xatt is-Sajjieda l-parkeġġ tal-monti jiġi dritt u mhux fishbone. Matthew Bugeja kompla ma dan is-suġġeriment u qal li għandu jkun hemm parkeġġ riservat fi Triq Duncan in-naħa tar-restorant.<br><br>Fuq dan kien hemm qbil mill-kunsill kollu. |
| **28,6** | **Mistoqsijiet** |

| | |
|---|---|
| | Reno Bugeja saqsa fuq il-bollards ta Triq iz-Zejtun quddiem is-Sans Souci. Is-Sindku qal li għad iridu napplikaw għalihom. Reno Bugeja saqsa ukoll għal xi bollards li saru ħdejn it-tourist office u li bihom ma setgħux jgħaddu sajjieda. Is-Sindku qal li l-aħjar jgħidulna liema għax hu ma kienx jaf. Għalhekk Reno Bugeja ċempel lil wieħed mis-sajjieda u dan qal li kienu twaħħlu xi bins ġodda. Is-Sindku wieġeb li kien se jiċċekkja u jirranġa dan. Matthew Buġeja issuġġerixxa ukoll li kien ikun aħjar kieku tittikel ftit il-bankina għat-tond. Fuq dan kien hemm qbil.<br><br>Mattheq Bugeja qal li quddiem ir-roundabout tal-ispar kien hemm traffic island li tħassrula il-vleġġeġ indikattivi. Is-Sindku qal li kien ser jinforma lil *Transport Malta.* Matthew qal ukoll li f'laqgħat preċedenti l-kunsill kien qabel li jsir festoon max-xatt u għalhekk hu xtaq li ssir it-talba. Is-Sindku qal li kif jgħaddi l-Milied issir it-talba. Matthew saqsa ukoll hekk Triq tas-Silġ taqax taħt il-kunsill? Is-Sindku qal li hemm l-*Infrastructure Malta* ma komplietx it-triq, imma Matthew spjega li hu kien qed jirreferi għal l-ilma li jinqabad quddiem il-Każin tal-Banda.<br><br>Hawnhekk daħal Daniel Zerafa. Is-Sindku wieġeb lil-Matthew li diġà kien hemm calverts u għalhekk kien ser jiċċekkja jistgħax isir xi ħaġa. Matthew Bugeja qal li jixtieq jipproponi diskussjoni sabiex isir tibdil fi traffiku fi Triq Abdusir, Triq San Guzepp u Triq Kajjik. Is-Sindku qal li dan kellu jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss. |
| | |
| **28.7** | **Planning Authority** |
| | Is-Sindku informa li peress li kien hemm applikazzjoni li tikkonċerna binja fix-xatt PA 7089/25, hu kien stieden lil perit u l-applikant tal-binja sabiex jiddiskutu mal-kunsill.<br><br>Hawnhekk daħlu l-perit u l-applikant. Daniel Zerafa spjega li l-kunsill kien addotta proċedura li kull meta jkun hemm applikazzjoni max-xatt il-kunsill kien jiltaqa' mal-perit u l-applikant sabiex ikunu jistgħu jiddiskutu dik l-applikazzjoni u dak li qed jiġi propost. Il-perit spjega li l-applikant kien qed japplika għal permess ta' konverżjoni ta' binja f'parti restorant u parti hostel. Kien qed japplika biex jgħamel it-tieni u tieled sular irtirati l-ġewwa.<br><br>Matthew Bugeja irrimarka li kien hemm Enforcement notice fuq dan il-permess għal kamra fuq il-bejt EC 213/06. Hu qal li pjan lokali kien ta' 2 sulari u sit jaqa' taħt konservazzjoni urbana. Hu stqar li l-oppinjoni tiegħu kienet dik bħal ta' qabel li żbalji tal-passat mhux skuża u mhux aċċettabbli li fix-xatt jitilgħu 3 sulari. Kien hemm applikanti oħra li wara diskussjoni mal-kunsill għamlu set back u ħallew il-post u l-faċċata kif kienet. PA/4756/24. Appart li dak propost ma kienx arkitettonikament l-istess bħal dak li diġà hemm. Il-perit qal li dan jista' jiġi ittranġat. Hu qal ukoll ma kienx jaqbel ma Matthew Bugeja għax kieku kien jibqa' ħiereġ sal-faċċata imma l-proġett kien qed jirtira lura. |

| | |
|---|---|
| | Is-Sindku issuġġerixxa li fil-parti tan-nofs jiġi iritirat aktar ħalli estetikament tiġi aħjar.<br><br>Hawnhekk id-DES irringrazzjat lil-perit kif ukoll l-applikant u dawn ħarġu l-barra. Id-DES għalhekk talbet deċiżjoni fuq dan il-permess u għalhekk kien hemm qbil li il-kunsill kien ser jikkumenta mal-PA hekk kif ġej:<br>- Li it-tieni parti tiġi iritirata aktar il-ġewwa milli hi<br>- Li l-aperturi jkunu tal-injam ikkulurit<br>- Li l-faċċata trid tkun tal-franka fuq il-fil<br>- Li l-aperturi jkollhom id-disinn kif inhuma bħalissa u jkunu kolla l-istess<br><br>Daniel Zerafa saqsa ukoll fuq l-oġġezzjoni tal-fishfarm il-barra mil-kosta, u hekk Reno Bugeja kienx iltaqa' mas-sajjieda. Reno ikkonferma li kien iltaqa' mas-sajjieda, urihom il-proposta, u qallhom biex jiktbu l-oġġezzjoni tagħhom. Il-Kunsill ma kien rċieva xejn. |
| | |
| | Il-laqgħa ġiet fi tmiema għal ħabta tal-11.00am. Il-laqgħa li jmiss kienet ser issir fis-16 ta' Diċembru fl-16.00 |
| | |

*Ikkonfermati lum 16 ta' Diċembru 2025,*

**IFFIRMATA**

__________________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**IFFIRMATA**

__________________________

**Tiffany Abela**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**IFFIRMATA**

__________________________

*Proponent*

**IFFIRMATA**

__________________________

*Sekondant*